REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/608

tal-14 ta' April 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 47(2), il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 54(4) u l-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 90 tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 ([3]) jistabbilixxi regoli dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali mad-dħul fl-Unjoni ta' ċertu ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċertu ikel u għalf minn ċerti pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni b'mikotossini, inkluż l-aflatossini, ir-residwi tal-pestiċidi, il-pentaklorofenol u d-diossini, u l-kontaminazzjoni mikrobijoloġika, elenkati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jistabbilixxi rekwiżiti fir-rigward tal-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ikel u għalf elenkati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u regoli għall-ħruġ ta' tali ċertifikat, kemm bil-miktub kif ukoll f'forma elettronika. Skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 ([4]), TRACES hija l-komponent tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC) li tippermetti li l-proċess kollu tal-produzzjoni taċ-ċertifikati jsir b'mod elettroniku, u b'hekk jiġu evitati l-prattiki frawdolenti jew qarrieqa possibbli fir-rigward taċ-ċertifikati uffiċjali. Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jistabbilixxi mudell ta' ċertifikat uffiċjali li huwa kompatibbli ma' TRACES.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660 (ĠU L 277, 29.10.2019, p. 89).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37).

(3) Ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 huma konsistenti mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 ([5]) għaċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([6]) iħassar u jissostitwixxi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/628 mill-21 ta' April 2021, filwaqt li jemenda u jiċċara r-rekwiżiti għall-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali stabbiliti f'dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod partikolari, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jagħmel distinzjoni bejn iċ-ċertifikati uffiċjali maħruġa fuq karta, iċ-ċertifikati uffiċjali elettroniċi maħruġa skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 39(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715 u ċ-ċertifikati uffiċjali maħruġa fuq karta u mimlijin fi TRACES u stampati minnha. Barra minn hekk, dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jistabbilixxi rekwiżiti lingwistiċi għaċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni biex jiġu ffaċilitati l-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-introduzzjoni fl-Unjoni. Sabiex jiġu allinjati ċ-ċertifikati uffiċjali għal kategoriji differenti ta' oġġetti u sabiex tiġi żgurata konsistenza mar-rekwiżiti ġodda ta' ċertifikazzjoni fiċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, huwa xieraq li jiġi emendat l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(5) L-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jipprevedi li l-listi stabbiliti fl-Annessi I u II jridu jiġu riveduti fuq bażi regolari li ma taqbiżx perjodu ta' sitt xhur, sabiex titqies informazzjoni ġdida relatata mar-riskji u man-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(6) L-okkorrenza u r-rilevanza ta' inċidenti riċenti marbuta mal-ikel innotifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf ("RASFF"), kif stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri fuq l-ikel u l-għalf ta' oriġini mhux mill-annimali tindika li l-listi stabbiliti fl-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jenħtieġ li jiġu emendati.

(7) B'mod partikolari, minħabba l-frekwenza għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bis-*Salmonella* identifikata matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 fl-2019 u fl-ewwel semestru tal-2020 u minħabba l-għadd kbir ta' notifiki fl-RASFF matul dak il-perjodu, huwa xieraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u dawk fiżiċi li jridu jitwettqu fuq il-bżar iswed (*Piper nigrum*) mill-Brażil tiżdied minn 20 % għal 50 %.

(8) Minħabba l-frekwenza għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni b'residwi tal-pestiċidi identifikata matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 fit-tieni semestru tal-2019 u fl-ewwel semestru tal-2020, huwa xieraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u dawk fiżiċi li jridu jitwettqu fuq il-bżar tal-ispeċi *Capsicum* (għajr dak ħelu) mit-Tajlandja tiżdied minn 10 % għal 20 %.

(9) Minħabba l-frekwenza għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bl-aflatossini identifikata matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 fit-tieni semestru tal-2019 u fl-ewwel semestru tal-2020 u minħabba l-għadd kbir ta' notifiki fl-RASFF fl-ewwel semestru tal-2020, huwa xieraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u dawk fiżiċi li jridu jitwettqu fuq il-karawett mill-Indja tiżdied minn 10 % għal 50 %.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 tat-8 ta' April 2019 dwar mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti annimali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-mudelli taċ-ċertifikati (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 101).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1).

(10) Il-bżar ħelu (*Capsicum annuum*) mit-Turkija diġà huwa elenkat fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni b'residwi tal-pestiċidi. Għall-kunsinni ta' bżar tal-ispeċi *Capsicum* (għajr dak ħelu) mit-Turkija, id-*data* li tirriżulta min-notifiki riċevuti permezz tal-RASFF fl-ewwel semestru tal-2020 tindika t-tfaċċar ta' riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, minħabba kontaminazzjoni possibbli b'residwi tal-pestiċidi, li jirrikjedi livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Għalhekk, l-entrata eżistenti dwar il-bżar ħelu (*Capsicum annuum*) mit-Turkija jenħtieġ li tiġi emendata biex tkopri l-bżar kollu tal-ispeċi *Capsicum*.

(11) Għall-frott tal-bosk goġi miċ-Ċina elenkat fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/1793 minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni b'residwi tal-pestiċidi, u għall-għeneb imnixxef mit-Turkija elenkat f'dak l-Anness minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-okratossina A, l-informazzjoni disponibbli għat-tieni semestru tal-2019 u l-ewwel semestru tal-2020 tindika grad sodisfaċenti ġenerali ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, peress li livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali ma għadux iġġustifikat għal dawk il-prodotti bażiċi, l-entrati fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar dawk il-prodotti bażiċi jenħtieġ li jitħassru.

(12) Għall-karawett mill-Brażil elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini, il-frekwenza tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li ġiet identifikata matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri naqset fit-tieni semestru tal-2019 u baqgħet f'livelli baxxi fl-ewwel semestru tal-2020. Għalhekk huwa xieraq li l-entrata dwar il-karawett mill-Brażil titħassar mill-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, tiġi inkluża fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u dawk fiżiċi tiġi stabbilita għal 10 %.

(13) Għall-karawett miċ-Ċina elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini, il-frekwenza tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li ġiet identifikata matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri naqset fit-tieni semestru tal-2019 u fl-ewwel semestru tal-2020. Għalhekk huwa xieraq li l-entrata dwar il-karawett miċ-Ċina titħassar mill-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, tiġi inkluża fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u dawk fiżiċi tiġi stabbilita għal 10 %. Minħabba l-volum ta' negozju f'dan il-prodott bażiku, dik il-frekwenza hija biżżejjed biex jiġi żgurat livell xieraq ta' monitoraġġ.

(14) Għall-ġellewż mit-Turkija elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini, il-frekwenza tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li ġiet identifikata matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri naqset fit-tieni semestru tal-2019 u fl-ewwel semestru tal-2020. Għalhekk huwa xieraq li l-entrata dwar il-ġellewż mit-Turkija titħassar mill-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, tiġi inkluża fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u dawk fiżiċi tiġi stabbilita għal 5 %. Minħabba l-volum ta' negozju f'dan il-prodott bażiku, dik il-frekwenza hija biżżejjed biex jiġi żgurat livell xieraq ta' monitoraġġ.

(15) Oġġetti tal-ikel li fihom il-weraq tal-betel (*Piper betle*), jew li jikkonsistu minnu, li joriġinaw mill-Bangladesh jew li l-kunsinna ġejja minnu huma elenkati fl-Anness IIa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bis-*Salmonella*. Konsegwentement, l-importazzjoni fl-Unjoni ta' dawn il-prodotti ġiet ipprojbita minn Ġunju 2014. Il-Bangladesh ipprovda garanziji bil-miktub billi ssottometta pjan ta' azzjoni ġdid fis-27 ta' Lulju 2020 b'miżuri li jkopru l-istadji kollha tal-katina tal-produzzjoni, li l-Kummissjoni vvalutat bħala sodisfaċenti. Wara din il-valutazzjoni, huwa xieraq li l-entrata dwar l-oġġetti tal-ikel li fihom il-weraq tal-betel (*Piper betle*), jew li jikkonsistu minnu, li joriġinaw mill-Bangladesh jew li l-kunsinna ġejja minnu, titħassar mill-Anness IIa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, tiġi inkluża fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u dawk fiżiċi tiġi stabbilita għal 50 %.

(16) Sabiex tiġi żgurata protezzjoni effiċjenti minn riskji potenzjali għas-saħħa li jirriżultaw minn kontaminazzjoni mikrobijoloġika jew kimika taż-żerriegħa tas-*Sesamum*, fil-kolonni li jirreferu għall-"kodiċi NM" fit-tabelli fl-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 il-kodiċi NM għaż-żerriegħa inkaljata tas-*Sesamum* jenħtieġ li jiżdied fir-ringieli li jirreferu għal "Żerriegħa tas-*Sesamum* (ikel)".

(17) Il-Parti II tal-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 tistabbilixxi l-informazzjoni dwar is-saħħa li l-uffiċjal li jiċċertifika jrid jipprovdi meta jimla ċ-ċertifikat. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-informazzjoni dwar is-saħħa għall-ikel jew l-għalf ta' oriġini mhux mill-annimali jista' jkun fiha aktar minn ċertifikazzjoni waħda, fejn tali ċertifikazzjoni hija obbligatorja skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 flimkien mal-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(18) Għalhekk ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq. Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza, huwa xieraq li l-Annessi I, II, IIa u IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jiġu sostitwiti fl-intier tagħhom.

(19) Billi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jibda japplika mill-21 ta' April 2021, l-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jibda japplika wkoll minn dik id-data.

(20) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 11

Ċertifikat uffiċjali

1. Kull kunsinna ta' ikel u għalf elenkata fl-Anness II għandha tkun akkumpanjata b'ċertifikat uffiċjali skont il-mudell stabbilit fl-Anness IV ("ċertifikat uffiċjali").

2. Iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ta' oriġini jew tal-pajjiż terz minn fejn ġejja l-kunsinna jekk dan il-pajjiż ikun differenti mill-pajjiż ta' oriġini;

(b) iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jkollu l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kunsinna li huwa relatat miegħu, imsemmi fl-Artikolu 9(1);

(c) iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jkollu l-firma tal-uffiċjal li jiċċertifika u t-timbru uffiċjali;

(d) fejn il-mudell taċ-ċertifikat ikun fih dikjarazzjonijiet multipli jew alternattivi, id-dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti għandhom jinqatgħu, inizjalati u ttimbrati mill-uffiċjal li jiċċertifika, jew jitneħħew kompletament miċ-ċertifikat;

(e) iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jikkonsisti minn wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) folja waħda tal-karti;

(ii) diversi folji tal-karti fejn il-folji kollha jkunu indiviżibbli u jikkostitwixxu parti sħiħa integrata;

(iii) sekwenza ta' paġni b'kull paġna nnumerata sabiex jiġi indikat li hija paġna partikolari f'sekwenza finita;

(f) meta ċ-ċertifikat uffiċjali jkun magħmul minn sekwenza ta' paġni kif imsemmi fil-punt (e)(iii) ta' dan il-paragrafu, kull paġna għandu jkollha l-kodiċi uniku kif imsemmi fl-Artikolu 89(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-firma tal-uffiċjal li jiċċertifika u t-timbru uffiċjali;

(g) iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jiġi ppreżentat lill-awtorità kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni fejn il-konsenja tkun soġġetta għal kontrolli uffiċjali;

(h) iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jinħareġ qabel il-kunsinna li huwa relatat magħha tħalli l-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li qed joħroġ iċ-ċertifikat;

(i) iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jitfassal fil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali, tal-Istat Membru tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni;

(j) iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jkun validu għal mhux aktar minn erba' xhur mid-data tal-ħruġ, iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar minn sitt xhur mid-data tar-riżultati tal-analiżi tal-laboratorju msemmija fl-Artikolu 10(1).

3. B'deroga mill-punt (i) tal-paragrafu 2, Stat Membru jista' jagħti l-kunsens tiegħu għat-tfassil ta' ċertifikati uffiċjali b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni u, jekk ikun meħtieġ, ikunu akkumpanjati minn traduzzjoni awtentikata.

4. Il-kulur tal-firma u tat-timbru minbarra timbru mbuzzat jew bil-marka tal-ilma, li huma msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2, għandu jkun differenti mill-kulur tal-istampar.

5. Il-punti (c) sa (g) tal-paragrafu 2 u l-paragrafu 4 ma għandhomx japplikaw għaċ-ċertifikati uffiċjali elettroniċi maħruġa skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 39(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 (*).

6. Il-punti (d), (e) u (f) tal-paragrafu 2 ma għandhomx japplikaw għaċ-ċertifikati uffiċjali maħruġa fuq karta u kompluti fi TRACES u stampati minnha.

7. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu ċertifikat uffiċjali ta' sostituzzjoni biss skont ir-regoli stipulati fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 (**).

8. Iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jimtela abbażi tan-noti stabbiliti fl-Anness IV.

_____

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37).

(**) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1).";

(2) L-Annessi I, II, IIa u IV huma sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(1) għandu japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Ikel u għalf li mhumiex ġejjin mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi soġġetti għal żieda temporanja tal-kontrolli uffiċjali f'postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u f'punti ta' kontroll

Ringiela	Ikel u għalf (użu maħsub)	Kodiċi NM [1]	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%)
1	— Karawett, fil-qoxra	— 1202 41 00		**Il-Bolivja (BO)**	Aflatossini	50
	— Karawett, imqaxxar	— 1202 42 00				
	— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
	— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				
	— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk miṫunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-karawett	— 2305 00 00				
	— Dqiq u grixi tal-karawett ***(Ikel u għalf)***	— ex 1208 90 00	**20**			
2	— Bżar iswed (*Piper nigrum*) ***(Ikel - la mfarrak u lanqas miṫun)***	ex 0904 11 00	**10**	**Il-Brażil (BR)**	*Salmonella*[2]	50
3	— Karawett, fil-qoxra	— 1202 41 00		**Il-Brażil (BR)**	Aflatossini	10
	— Karawett, imqaxxar	— 1202 42 00				
	— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
	— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				
	— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk miṫunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-karawett	— 2305 00 00				
	— Dqiq u grixi tal-karawett ***(Ikel u għalf)***	— ex 1208 90 00	**20**			

4	— Karawett, fil-qoxra — Karawett, imqaxxar — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor — Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk miṫunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-karawett — Dqiq u grixi tal-karawett (**Ikel u għalf**)	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98 — 2305 00 00 — ex 1208 90 00	**20**	**Iċ-Ċina (CN)**	Aflatossini	10
5	Bżar ħelu (*Capsicum annuum*) ***(Ikel – imfarrak jew miṫun)***	ex 0904 22 00	**11**	**Iċ-Ċina (CN)**	*Salmonella*([6])	20
6	Te, kemm jekk imħawwar u kemm jekk le ***(Ikel)***	0902		**Iċ-Ċina (CN)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([7])	20
7	Brunġiel (*Solanum melongena*) ***(Ikel – frisk jew imkessaħ)***	0709 30 00		**Ir-Repubblika Dominicana (DO)**	Residwi tal-pestiċidi ([3])	20
8	— Bżar ħelu (*Capsicum annuum*) — Bżar tal-ispeċi *Capsicum* (għajr dak ħelu) — Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis*, *Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	— 0709 60 10; 0710 80 51 — ex 0709 60 99; ex 0710 80 59 — ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	**20** **20** **10** **10**	**Ir-Repubblika Dominicana (DO)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([8])	50
9	— Bżar ħelu (*Capsicum annuum*) — Bżar tal-ispeċi *Capsicum* (għajr dak ħelu) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	— 0709 60 10; 0710 80 51 — ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	**20** **20**	**L-Eġittu (EG)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([9])	20
10	Żerriegħa tas-*sesamum* ***(Ikel)***	— 1207 40 90 — ex 2008 19 19 — ex 2008 19 99	**40** **40**	**L-Etjopja (ET)**	*Salmonella*([2])	50

11	— Ġellewż, bil-qoxra ta' barra — Ġellewż, mingħajr qoxra ta' barra — Dqiq, grixa u trab tal-ġellewż — Ġellewż, ippreparat jew ippreservat mod ieħor ***(Ikel)***	— 0802 21 00 — 0802 22 00 — ex 1106 30 90 — ex 2008 19 19; ex 2008 19 95; ex 2008 19 99	 **40** **30** **20** **30**	**Il-Georgia (GE)**	Aflatossini	50
12	Żejt tal-palm ***(Ikel)***	1511 10 90; 1511 90 11; ex 1511 90 19; 1511 90 99	 **90**	**Il-Ghana (GH)**	Żebgħat tas-Sudan ([10])	50
13	Weraq tal-curry (*Bergera/Murraya koenigii*) ***(Ikel – frisk, imkessaħ jew imnixxef)***	ex 1211 90 86	**10**	**L-Indja (IN)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([11])	50
14	Okra ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 99 90; ex 0710 80 95	**20** **30**	**L-Indja (IN)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([12])	10
15	Fażola (*Vigna* spp., *Phaseolus* spp.) ***(Ikel – frisk jew imkessaħ)***	0708 20		**Il-Kenja (KE)**	Residwi tal-pestiċidi ([3])	10
16	Karfus Ċiniż (*Apium graveolens*) ***(Ikel - ħaxix aromatiku frisk jew imkessaħ)***	ex 0709 40 00	**20**	**Il-Kambodja (KH)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([13])	50
17	Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis*, *Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*) ***(Ikel - ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	**10** **10**	**Il-Kambodja (KH)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([14])	50
18	Ġdur (*Brassica rapa* spp. *Rapa*) ***(Ikel — ippreparat jew ippreservat permezz tal-ħall jew tal-aċidu aċetiku)***	ex 2001 90 97	**11; 19**	**Il-Libanu (LB)**	Rodamina B	50
19	Ġdur (*Brassica rapa* spp. *Rapa*) ***(Ikel — ippreparat jew ippreservat permezz tas-salmura jew tal-aċidu ċitriku, mhux iffriżat)***	ex 2005 99 80	**93**	**Il-Libanu (LB)**	Rodamina B	50
20	Bżar tal-ispeċi *Capsicum* (ħelu jew għajr dak ħelu) ***(Ikel - imnixxef, mixwi, imfarrak jew mitħun)***	0904 21 10; ex 0904 21 90; ex 0904 22 00; ex 2005 99 10; ex 2005 99 80	 **20** **11; 19** **10; 90** **94**	**Is-Sri Lanka (LK)**	Aflatossini	50

21	— Karawett, fil-qoxra — Karawett, imqaxxar — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor — Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk miṫhunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-karawett — Dqiq u grixi tal-karawett (**Ikel u għalf**)	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98 — 2305 00 00 — ex 1208 90 00	**20**	**Il-Madagascar (MG)**	Aflatossini	50
22	Jackfruit (*Artocarpus heterophyllus*) ***(Ikel – frisk)***	ex 0810 90 20	**20**	**Il-Malasja (MY)**	Residwi tal-pestiċidi ([3])	20
23	Żerriegħa tas-*sesamum* ***(Ikel)***	— 1207 40 90 — ex 2008 19 19 — ex 2008 19 99	 **40** **40**	**In-Niġerja (NG)**	Salmonella ([2])	50
24	Taħlitiet ta' ħwawar ***(Ikel)***	0910 91 10; 0910 91 90		**Il-Pakistan (PK)**	Aflatossini	50
25	Żrieragħ tad-dulliegħ (Egusi, *Citrullus* spp.) u l-prodotti derivati ***(Ikel)***	ex 1207 70 00; ex 1208 90 00; ex 2008 99 99	**10** **10** **50**	**Sierra Leone (SL)**	Aflatossini	50
26	— Karawett, fil-qoxra — Karawett, imqaxxar — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor — Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk miṫhunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-karawett — Dqiq u grixi tal-karawett (**Ikel u għalf**)	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98 — 2305 00 00 — ex 1208 90 00	**20**	**Is-Senegal (SN)**	Aflatossini	50
27	Ġdur (*Brassica rapa* spp. *Rapa*) ***(Ikel — ippreparat jew ippreservat permezz tal-ħall jew tal-aċidu aċetiku)***	ex 2001 90 97	**11; 19**	**Is-Sirja (SY)**	Rodamina B	50

28	Ġdur (*Brassica rapa* spp. *Rapa*) ***(Ikel — ippreparat jew ippreservat permezz tas-salmura jew tal-aċidu ċitriku, mhux iffriżat)***	ex 2005 99 80	**93**	**Is-Sirja (SY)**	Rodamina B	50
29	Bżar tal-ispeċi *Capsicum* (għajr dak ħelu) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	**20** **20**	**It-Tajlandja (TH)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([15])	20
30	— Ġellewż (*Corylus* sp.), bil-qoxra ta' barra	— 0802 21 00		**It-Turkija (TR)**	Aflatossini	5
	— Ġellewż (*Corylus* sp.), mingħajr qoxra ta' barra	— 0802 22 00				
	— Taħlitiet ta' ġewż jew ta' frott imnixxef li fihom il-ġellewż	— ex 0813 50 39;	**70**			
		ex 0813 50 91;	**70**			
		ex 0813 50 99	**70**			
	— Paste tal-ġellewż	— ex 2007 10 10;	**70**			
		ex 2007 10 99;	**40**			
		ex 2007 99 39;	**05; 06**			
		ex 2007 99 50;	**33**			
		ex 2007 99 97	**23**			
	— Ġellewż, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inkluż it-taħlitiet	— ex 2008 19 12;	**30**			
		ex 2008 19 19;	**30**			
		ex 2008 19 92;	**30**			
		ex 2008 19 95;	**20**			
		ex 2008 19 99;	**30**			
		ex 2008 97 12;	**15**			
		ex 2008 97 14;	**15**			
		ex 2008 97 16;	**15**			
		ex 2008 97 18;	**15**			
		ex 2008 97 32;	**15**			
		ex 2008 97 34;	**15**			
		ex 2008 97 36;	**15**			
		ex 2008 97 38;	**15**			
		ex 2008 97 51;	**15**			
		ex 2008 97 59;	**15**			
		ex 2008 97 72;	**15**			
		ex 2008 97 74;	**15**			
		ex 2008 97 76;	**15**			
		ex 2008 97 78;	**15**			

		ex 2008 97 92;	**15**			
		ex 2008 97 93;	**15**			
		ex 2008 97 94;	**15**			
		ex 2008 97 96;	**15**			
		ex 2008 97 97;	**15**			
		ex 2008 97 98	**15**			
	— Dqiq, grixa u trab tal-ġellewż	— ex 1106 30 90	**40**			
	— Żejt tal-ġellewż ***(Ikel)***	— ex 1515 90 99	**20**			
31	Mandolin (inkluż tanġerini u satsumas); klementini, wilkings u ibridi oħrajn simili taċ-ċitru ***(Ikel – frisk jew imnixxef)***	0805 21; 0805 22; 0805 29		**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi ([3])	5
32	Lariġ ***(Ikel – frisk jew imnixxef)***	0805 10		**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi ([3])	10
33	Rummien ***(Ikel - frisk jew imkessaħ)***	ex 0810 90 75	**30**	**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([16])	20
34	— Bżar ħelu (*Capsicum annuum*) — Bżar tal-ispeċi *Capsicum* (għajr dak ħelu) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	— 0709 60 10; 0710 80 51;		**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([17])	10
		— ex 0709 60 99;	**20**			
		ex 0710 80 59	**20**			
35	Lewż tal-berquq mhux ipproċessati sħaħ, miṫhunin, maqsumin, imqattgħin, maħsub biex jitqiegħed fis-suq għall-konsumatur finali ([18]) ([19]) ***(Ikel)***	ex 1212 99 95	**20**	**It-Turkija (TR)**	Ċjanur	50
36	Bżar tal-ispeċi *Capsicum* (għajr dak ħelu) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	**20** **20**	**L-Uganda (UG)**	Residwi tal-pestiċidi ([3])	20
37	— Karawett, fil-qoxra	— 1202 41 00		**L-Istati Uniti (US)**	Aflatossini	10
	— Karawett, imqaxxar	— 1202 42 00				
	— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
	— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				

	— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk miṫunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-karawett	— 2305 00 00				
	— Dqiq u grixi tal-karawett (**Ikel u għalf**)	— ex 1208 90 00	**20**			
38	— Pistaċċi, bil-qoxra ta' barra	— 0802 51 00		**L-Istati Uniti (US)**	Aflatossini	10
	— Pistaċċi, mingħajr qoxra ta' barra	— 0802 52 00				
	— Pistaċċi, inkaljati	— ex 2008 19 13;	**20**			
		ex 2008 19 93	**20**			
39	— Berquq imnixxef	— 0813 10 00		**L-Użbekistan (UZ)**	Sulfiti ([20])	50
	— Berquq, ippreparat jew ippreservat mod ieħor ***(Ikel)***	— 2008 50				
40	— Weraq tal-kosbor	— ex 0709 99 90	**72**	**Il-Vjetnam (VN)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([21])	50
	— Ħabaq (sagru, ħelu)	— ex 1211 90 86	**20**			
	— Nagħniegħ	— ex 1211 90 86	**30**			
	— Tursin ***(Ikel - ħaxix aromatiku frisk jew imkessaħ)***	— ex 0709 99 90	**40**			
41	Okra ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 99 90;	**20**	**Il-Vjetnam (VN)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([21])	50
		ex 0710 80 95	**30**			
42	Bżar tal-ispeċi *Capsicum* (għajr dak ħelu) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 60 99;	**20**	**Il-Vjetnam (VN)**	Residwi tal-pestiċidi ([3]) ([21])	50
		ex 0710 80 59	**20**			

([1]) Meta jkun meħtieġ li jiġu eżaminati biss ċerti prodotti taħt kwalunkwe kodiċi NM, il-kodiċi NM jiġi mmarkat bl-ittri "ex".

([2]) Il-kampjunar u l-analiżijiet għandhom isiru f'konformità mal-proċeduri tal-kampjunar u l-metodi ta' referenza analitika stabbiliti fil-punt 1(a) tal-Anness III.

([3]) Ir-residwi ta' mill-inqas dawk il-pestiċidi elenkati fil-programm ta' kontroll adottat f'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1) li jistgħu jiġu analizzati b'metodi multiresidwi bbażati fuq il-kromatografija b'faži gassuża/spettrometrija ta' massa (GC-MS), u dawk ibbażati fuq il-kromatografija likwida/spettrometrija tal-massa (LC-MS) (il-pestiċidi jridu jiġu mmonitorjati fil-prodotti li joriġinaw mill-pjanti jew fuqhom biss).

([4]) Residwi ta' Amitraż.

([5]) Residwi ta' Nikotina.

([6]) Il-kampjunar u l-analiżijiet għandhom isiru f'konformità mal-proċeduri tal-kampjunar u l-metodi ta' referenza analitika stabbiliti fil-punt 1(b) tal-Anness III.

([7]) Residwi ta' Tolfenpirad.

([8]) Ir-residwi tal-Amitraż (amitraż li jinkludi l-metaboliti li fihom il-frazzjoni ta' 2,4 -dimetilanilina espressa bħala amitraż), tad-Diafenthiuron, tad-Dikofol (is-somma tal-isomeri p, p' u o,p'), u tad-Ditijokarbamati (id-ditijokarbamati espressi bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mankożeb, il-metiram, il-propineb, it-tiram u ż-żiram).

([9]) Ir-residwi tad-Dikofol (is-somma tal-isomeri p, p' u o,p'), tad-Dinotefuran, tal-Folpet, tal-Prokloraż (is-somma tal-prokloraż u tal-metaboliti tiegħu li fihom frazzjoni ta' 2,4,6-Triklorofenol espressa bħala prokloraż), tat-Tijofanat-metil u tat-Triforina.

([10]) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "Żebgħat tas-Sudan" tirreferi għas-sustanzi kimiċi li ġejjin: (i) Sudan I (Numru CAS 842-07-9); (ii) Sudan II (Numru CAS 3118-97-6); (iii) Sudan III (Numru CAS 85-86-9); (iv) Scarlet Red; jew Sudan IV (Numru CAS 85-83-6).

([11]) Residwi ta' Aċefat.

([12]) Residwi ta' Diafentjuron.

([13]) Residwi ta' Fentoat.

([14]) Residwi ta' Klorbufam.

([15]) Ir-residwi tal-Formetanat (is-somma tal-formetanat u tal-imlieħ tiegħu espressa bħala (kloridrat tal-) formetanat), tal-Protijofos u tat-Triforina.

([16]) Residwi ta' Prokloraż.

([17]) Ir-residwi tad-Diafentjuron, tal-Formetanat (is-somma tal-formetanat u tal-imlieħ tiegħu espressa bħala (kloridrat tal-) formetanat), u tat-Tijofanat-metil.

([18]) "Prodotti mhux proċessati" kif definita fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

([19]) "Tqegħid fis-suq" u "konsumatur finali" kif definiti fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-htiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

([20]) Metodi ta' referenza: EN 1988-1:1998, EN 1988-2:1998 jew ISO 5522:1981.

([21]) Ir-residwi tad-Ditijokarbamati (ditijokarbamati espressi bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mankożeb, il-metiram, il-propineb, it-tiram u ż-żiram), il-Fentoat u l-Kwinalfos.

ANNESS II

Ikel u għalf minn ċerti pajjiżi terzi soġġetti għal kundizzjonijiet speċjali għad-dħul fl-Unjoni minħabba riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini, inklużi l-aflatossini, ir-residwi tal-pestiċidi, il-pentaklorofenol u d-diossini u kontaminazzjoni mikrobijoloġika

1. **Ikel u għalf li mhumiex ġejjin mill-annimali msemmija fl-Artikolu 1(1)(b)(i)**

Ringiela	Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM [1]	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%)
1	— Karawett, fil-qoxra	— 1202 41 00		**L-Arġentina (AR)**	Aflatossini	5
	— Karawett, imqaxxar	— 1202 42 00				
	— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
	— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				
	— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-karawett	— 2305 00 00				
	— Dqiq u grixi tal-karawett ***(Ikel u għalf)***	— ex 1208 90 00	**20**			
2	— Ġellewż (Corylus sp.), bil-qoxra ta' barra	— 0802 21 00		**L-Ażerbajġan (AZ)**	Aflatossini	20
	— Ġellewż (Corylus sp.) mingħajr qoxra ta' barra	— 0802 22 00				
	— Taħlitiet ta' ġewż jew ta' frott imnixxef li fihom il-ġellewż	— ex 0813 50 39;	**70**			
		ex 0813 50 91;	**70**			
		ex 0813 50 99	**70**			
	— Paste tal-ġellewż	— ex 2007 10 10;	**70**			
		ex 2007 10 99;	**40**			
		ex 2007 99 39;	**05; 06**			
		ex 2007 99 50;	**33**			
		ex 2007 99 97	**23**			
	— Ġellewż, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inkluż it-taħlitiet	— ex 2008 19 12;	**30**			
		ex 2008 19 19;	**30**			
		ex 2008 19 92;	**30**			

		ex 2008 19 95;	**20**			
		ex 2008 19 99;	**30**			
		ex 2008 97 12;	**15**			
		ex 2008 97 14;	**15**			
		ex 2008 97 16;	**15**			
		ex 2008 97 18;	**15**			
		ex 2008 97 32;	**15**			
		ex 2008 97 34;	**15**			
		ex 2008 97 36;	**15**			
		ex 2008 97 38;	**15**			
		ex 2008 97 51;	**15**			
		ex 2008 97 59;	**15**			
		ex 2008 97 72;	**15**			
		ex 2008 97 74;	**15**			
		ex 2008 97 76;	**15**			
		ex 2008 97 78;	**15**			
		ex 2008 97 92;	**15**			
		ex 2008 97 93;	**15**			
		ex 2008 97 94;	**15**			
		ex 2008 97 96;	**15**			
		ex 2008 97 97;	**15**			
		ex 2008 97 98	**15**			
	— Dqiq, grixa u trab tal-ġellewż	— ex 1106 30 90	**40**			
	— Żejt tal-ġellewż ***(Ikel)***	— ex 1515 90 99	**20**			
3	— Oġġetti tal-ikel li fihom jew li jikkonsistu minn weraq tal-betel (*Piper betle*) ***(Ikel)***	ex 1404 90 00 [10]	**10**	**Il-Bangladesh (BD)**	*Salmonella*[6]	50
4	— Ġewż tal-Brażil bil-qoxra ta' barra	— 0801 21 00;		**Il-Brażil (BR)**	Aflatossini	50
	— Taħlitiet ta' ġewż jew ta' frott imnixxef li fihom il-ġewż tal-Brażil bil-qoxra ta' barra ***(Ikel)***	— ex 0813 50 31;	**20**			
		ex 0813 50 39;	**20**			
		ex 0813 50 91	**20**			
